FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

Illum 11 ta' Lulju 2017

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Victor Degabriele
-ommissis-
-ommissis-

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 191384m akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti , li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'risluzzjoni wahda u cioe:

1. Talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Novembru 2010, ikkometta serq ta' diversi ogetti, annimali u senter tal-kacca minn go razzett bl-isem ta' San Lawrenz Farmhouse li jinsab gewwa Triq San Dwardu il-Birgu liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-2329.40 Euro, bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin ghad-dannu ta' Carmel u Charlon Chetcuti;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fil-bibien u ogetti ohra tal-imsemmi razzett, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta' Carmel u Charlon Chetcuti;

3. U aktar talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Novembru 2010, ikkometta serq ta' diversi ghodda u affarijiet ohra minn go tlett containers li jinsabu gewwa il-Kumpless tal-water treatment li jinsab fi Triq San Leonardu ix-Xghajra ta' Haz-Zabbar liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-2329.40 Euro, bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin ghad-dannu ta' Kevin Claude Mallia, Maurice Mary Farrugia u Alfonso Giancarlo u/jew persuni ohra;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamlu hsara fil-bibien u ogetti ohra tal-imsemmija containers, liema hsarat huma ta' anqas minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta' Kevin Claude Mallia, Maurice Mary Farrugia u Alfonso Giancarlo u/jew persuni ohra;

5. U aktar talli bejn l-24 ta' Novembru 2010 u it-22 ta' Dicembru 2010 gewwa dawn il-gzejjer, xjentament xtara jew laqa ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi il-2329.4 Euro (LM1000), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat

sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghuhom jew imexxuhom;

6. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Edwina Grima LLD datata 19 ta' Mejju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel u dan bi ksur tal-Artikolu 28A u 28(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Miriam Hayman LLD datata 14 ta' Gunju 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel u dan bi ksur tal-Artikolu 28A u 28(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Vella LLD datata 07 ta' Dicembru 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat b'serq kontinwat, li ikkaguna hsara volontarja, b'ricettazzjoni u li kiser kemm il-provdimenti ta' sentenzi sospizi u kemm ta' provediment mahrug taht il-Kap 446, Artikolu 7.

Jinghad, li l-imputat kien sa mill-bidu tal-proceduri ko-akkuzat ma' zewg persuni ohra jisimhom Raymond Gatt u Nigel Muscat sakemm il-kawza kontra dawn ta' l-ahhar giet deciza fuq ammissjoni ta' kull wiehed minnhom. Is-sentenzi rispettivi jgibu d-data tal-31 ta' Jannar 2011 u 8 ta' April 2014.

L-imputat ghazel da parti tieghu li jibqa' jikkontesta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Dwar il-fatti li taw lok ghall-akkuzi hemm serqa aggravata bil-vjolenza (stante li l-hallelin kienu tlieta), mezz, hin u valur perpetrata minn razzett jismu "San Lawrenz Farmhouse" f'Triq San Dwardu, il-Birgu, u serqa ohra minn 'containers' siti f'kumpless ghat-trattament tal-ilma fi Triq San Leonardu, ix-Xghajra, limiti Zabbar, bl-istess aggravji u li sehhew fil-granet ta' bil-lejl tat-24 u 25 ta' Novembru 2010. Konsegwenza taghhom tirrizulta l-hsara volontarja.

Ikkonsidrat:

Fil-konfront tal-imputazzjoni li takkuza lill-imputat bi ksur ta' zewg sentenzi sospizi tad-19 ta' Mejju 2008 (folio 91) u 14 ta' Gunju 2007 (folio 96) johrog car li l-akkuza kienet talvolta treggi biss rigward is-sentenza ta' Gunju 2007 li fiha l-imputat instab hati u ikkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin izda tosserva l-Qorti li din gja ittiehdet in konsiderazzjoni minn dina l-Qorti (diversament preseduta) f'sentenza tal-10 ta' Lulju 2013. Lanqas mhi applikabbli s-sentena tas-7 ta' Dicembru 2006 (folio 87).

Fil-konfront taz-zewg serqiet, imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, li l-prova taghhom tinsab pruvata (folio 175 u 237), u x-xhieda tal-kompici, gja ko-akkuzat, fil-persuna ta' Raymond Gatt (folio 72) hija skjetta u cara u ammissibbli in virtu tal-Artikolu 639(3) tal-Kap 9.

Mill-kumplament, r-recidiva hija akkuza in alternattiva ghal dik tas-serq u ghar-rigward il-hsara volontarja japplika l-Artikolu 17(h) bhala mezz ghal fini.

Inghad dan, issib l-imputat hati tal-ewwel, t-tieni, it-tielet u r-raba akkuzi. Tilliberah mill-bqija. Rat l-artikolu18, 261(a)(b)(c)(f),262(b),263,267,276,277(b),279(b),31,17(h) tal-Kap 9 u tikkundannah disa xhur prigunerija.

A.M.Trigona
Magistrat